**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**-vs-**

**Stephen Urry, detentur tal-Karta tal-Identità numru 547079M, u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru.: 417/2022*

Illum**, 13 ta' Jannar, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Stephen Urry u Omissis** u ċioè talli:

1. Bejn il-lejl ta' 4 u 5 ta' Awwissu 2022, għall-ħabta ta' nofs il-lejl minn ġewwa Triq Gananton Tanti, Tarxien, ikkommettew serq ta' nuċċali u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni CAA 759, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-haġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Omar Grech u/jew persuni oħra;

2. Kif ukoll fl-istess dati, ħin, u ċirkostanzi, minn ġewwa Triq l-Alfier De Medran, Tarxien bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura tal-għamla Citroen C4, bi numru ta' reġistrazzjoni IQZ-934 urew b'atti esterni u taw bidu ghal eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema serq li kieku sehh kien ikun serq aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-haġa misruq u dan għad-detriment ta' Alicia Kinmont u/jew ta' persuni oħra;

3. Kif ukoll talli volontarjament ħassru jew għamlu ħsara fuq il-vettura Toyota bir-reġistrazzjoni CAA 759, għad-dannu ta' Omar Grech u fuq vettura Citroen bir-reġistrazzjoni IQZ 934 għad-dannu ta' Princess Garage, liema ħsara globali tammonta ghal aktar minn Euro 250 imma mhux aktar minn Euro 2,500.

Stephen Urry waħdu kien akkużat:

4. Talli fil-lejl ta' bejn 16 u 17 ta' April 2021 minn Triq Melita, Paola, ikkommetta serq ta' kaxxa skrataċċ u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Toyota, bi numru ta' reġistrazzjoni DBE556[1], liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' Andrew Camilleri u/jew persuna oħra;

5. Kif ukoll talli volontarjament ħassar jew għamel hsarat fil-vettura Toyota bir-reġistrazzjoni DBE556[2] għad-dannu ta' Andrew Camilleri liema ħsara tammonta mhux aktar minn 250 euro

6. U aktar talli Stephen Urry irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Mejju, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**IL-PROVI**

[1] Korrezzjoni awtorizzata vide verbal a fol.107
[2] Ibid.

Ikkunsidrat,

Mill-**Current Incident Report**[3] datat il-5 ta' Awwissu 2022, jirrizulta li fl-istess data daħlet telefonata ġewwa l-Control Room li fi Triq Alfier De Medran, Tarxien, kien hemm xi nies qeghdin jisirqu minn go karozzi. Kif il-Pulizija marru fuq il-post avviċnawhom żewġ persuni u infurmawhom kif semgħu ħoss ta' ħġieġ jinkiser u malli ħarsu, lemħu żewġ persuni viċin ta' vettura tal-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ-934. Wieħed mill-persuni "*kien liebes beritta hamra f'rasu*" filwaqt illi l-iehor "*kien liebes qisu boiler suit*"[4]. Hekk kif il-Pulizija avviċinaw il-vettura, innutaw li l-vettura kellha ħġieġa imkissra fejn hemmhekk sar kuntatt ma' sid il-vettura, cioè, Alicia Kinmont. Da parti tagħha, is-sinjura Kinmont infurmat lill-pulizija li hija kellha madwar ħamsa u għoxrin ewro , sett ċwievet u mobile fil-karozza, li ma nstabux.

Ġie rrapportat ukoll li waqt ronda li kienu qeghdin jagħmlu l-pulizija fl-akkwati, intlemħu żewġ persuni li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni mogħtija aktar kmieni u għalhekk ġew arrestati. Minn stħarriġ li għamlu l-pulizija wara l-arrest, rriżulta li l-persuni arrestati kienu l-imputati Stephen Urry u Omissis.

**Current Incident Report** datat ukoll il-5 t'Awissu, 2022,[5] jindika kif dakinhar stess ċertu Omar Grech, sab il-*quarter window* ta' wara tan-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħu Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni CAA-759 imkissra. Stqarr li pparkja l-vettura l-jum ta' qabel quddiem ir-residenza tiegħu li tinsab fi Triq Gananton Tanti, Ħal Tarxien. Minn tfittxija li għamel fil-vettura, sab li kienu naqsulu nuċċali tax-xemx tad-ditta Mercedes, *pouch* iswed u xi ftit muniti.

**Current Incident Report**[6] iehor jagħmel riferenza kif nhar magħmul minn ċertu, jirrizulta li, fis-17 t' April, 2021, Andrew Camilleri, irrapporta li kellu l-karozza tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni DBE556 pparkjata fi Triq Melita, Raħal il-Ġdid, fejn innota li kellu tieqa imkissra. Meta fittex fil-vettura sab li l-barzakka li kien fiha madwar mitt skrataċċ (*shotgun rounds*) ġiet nieqsa.

Stqarrija tal-Imputat

Fl-istqarrija li Urry irrilaxxa nhar il-5 ta' Awwissu 2022 innega l-involviment tiegħu f'serqiet fuq imsemmija.

Xhieda

---

[3] **Dok.PC2** a fol.13 et seq

[4] Fol.14

[5] **Dok.PC4** a fol.20 et seq

[6] **Dok.PC6** a fol.28 et seq

**PC2089 Maria Bezzina** spjegat kif nhar is-17 ta' April tas-sena 2021, ġiet inkarigata teżamina vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni DBI556 reġistrata fuq Andrew Camilleri għall-impronti diġitali w palmari, fejn sussegwentement elevat erba' lifters.[7]

**PS74 Mark Anthony Chetcuti**, in rappreżentanza tas-sezzjoni AFIS[8] fi ħdan il-Laboratorju Xjentifiku Forensiku tal-Pulizija, esebixxa rapport li juri kif mill-erba' lifters elevati minn PC Bezzina inħarġu ħames (5) impronti diġitali li tnejn (2) minnhom ġew mqabbla pożittivament mal-impronti diġitali u palmari tal-id xellugija tal-imputat Stephen Urry.[9] Fir-rapport minn tiegħu jingħad:

*"Based upon the positive match chartings produced by the assignee and verifier (see appendix RB02 and EB03), the undersigned reviewed the respective results and concluded that, the areas of friction ridge detail and the corresponding areas of the finger and palm print impressions are a positive match and belong to Stephen Urry, holder of identity card number 547079M".*[10]

Li hu sinifikanti li dawn il-marki nstabu kemm fuq barra iżda wkoll fuq <u>ġewwa</u> tat-tieqa ta' wara li tagħti għall-kaxxa tal-van eżaminat.[11]

**L-Ispettur Paul Camilleri**[12] spjega li huwa kien ġie infurmat li fil-lokalita' ta' Ħal Tarxien, b'mod speċifiku fi Triq Alfier De Medran, kien hemm xi nies li kienu qeghdin iduru ma' karozzi u li kien hemm xi karozzi li ġew żgassati. Meta il-Pulizija wasslet fuq il-post ingħatat deskrizzjoni taż-żewġ persuni li ntlemħu jduru mal-karozzi. Wara ronda li saret fl-inħawi, intlemħu z-żewġ persuni li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni mogħtija lill-pulizija w għalhekk dawn ġew arrestati; dawn kienu l-imputat u Omissis.[13]

L-Ispettur Camilleri esebixxa *envelope* abjad li kien fih affarijiet li kienu nsterqu mill-vettura fosthom nuċċali tax-xemx tad-ditta Mercedes. Dawn l-oġġetti nstabu <u>ftit il-bogħod mill-imputat</u>.[14] Ġew esibiti ukoll berritta ħamra, *pocket* iswed bl-imsemmi nuċċali, LED *torch, pepper spray, lighter* u puntell tal-ħadid.[15] Id-derubat <u>Omar Grech</u> xehed li huwa sid il-van Toyota Corolla, numru ta' reġistrazzjoni CAA759.[16] Għamel rapport wara li sab il-ħġieġa tal-vettura

[7] Fol.73-74. Rapport esebit bħala **Dok.MB1** a fol.75 et seq.
[8] Automated Fingerprint Identification System
[9] Fol.90. Rapport esebit bħala **Dok. MC1** a fol.92 et seq
[10] Fol.95
[11] Fol.93
[12] Fol.109
[13] Fol.109-110
[14] Fol.110
[15] **Dok.PC21** sa **PC26** rispettivament.
[16] Fol.125

imkissra u kif ukoll sab xi oġġetti neqsin inkluż pocket tan-nuċċali u nuċċali tax-xemx. Dik il-vettura kienet ġiet ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq Gananton Tanti ġewwa Ħal Tarxien.[17]

Ikkonferma li l-ispejjeż tal-ħġieġa imkissra, kienu jammontaw ghal mitt (€100) ewro filwaqt illi l-oġġetti li nsterqu kienu jammontaw ghal valur ta'mija u ħamsin jew mitejn Ewro (€150-€200).[18]

**PC 9 Aaron Cini**[19] spjega li fil-5 ta' Awwissu, 2022, il-Pulizija ġiet infurmata li fi Triq Alfier De Medran ġewwa Hal Tarxien, kien hemm żewġ persuni li kienu qeghdin iduru ma' karozza u faqgħu il-ħġieġa tal-istess karozza. Meta mar fuq il-post, xi nies li kien hemm tawh deskrizzjoni tal-ilbies taż-żewġ persuni u għalhekk marru fuq ronda sabiex jaraw jilmħux lil dawn il-persuni. Infatti, waqt ir-ronda, fi Triq San Tumas ġewwa Hal Tarxien, lemaħ żewġ persuni li kienu jaqblu mad-deskrizzjoni mogħtija u wara li waqqfuhom, poġġewhom taħt arrest. Il-kuntistabbli kompla jispjega li fuq il-persuna tal-imputat Urry, instabet *torch*.[20] Barra minn hekk semma kif fil-vettura li ġiet żgassata, instab impront ta' żarbun *"li imbaghad li meta tqabbilha ma li kien liebes is-Sur Urry kienet identika mal-marka bit-trapp li kien hemm fuq is-seat tax-xufier ta' din il-karozza u eventwalment ittiehidlu iz-zarbun ukoll lis-Sur Urry."*[21]

Kompla kif aktar tard fl-istess jum, kienet daħlet telefonata oħra fejn ġie rrapportat li kien hemm sid ta' vettura oħra li sab il-ħġieġa tal-vettura imkissra u sab xi oġġetti neqsin inkluż nuċċali tad-ditta, liema nuċċali nstab fuq il-persuna ta' Omissis.[22]

**Alisha Kinmond** spjegat kif kienet ġiet infurmata mill-pulizija li kellha t-tieqa tal-karozza tagħha imkissra. Kien hemm li ndunat li kellha madwar erbghin jew sittin ewro (40-60) neqsin flimkien ma ċwievet ta' klijenti tagħha, li sabiex biddlithom kellha tonfoq madwar wieħed u għoxrin ewro (€21) oħra. Spjegat ukoll li l-ispiża ta-ħġieġa imkissra ammontat għal mija u ħamsin Ewro (€150).[23]

**Luke John Milton**, għall-kumpanija No Deposit Cars, xehed li l-vettura Citroen C4 Cactus, bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ934, inbiegħet lil Alishia Kinmond għalkemm baqgħet reġistrata fuq il-kumpanija.[24]

---

[17] Fol.125-126
[18] Fol.126-128
[19] Fol.114
[20] Fol.115
[21] Fol.116
[22] Ibid.
[23] Fol.131-132
[24] Fol.134-136

**Andrew Camilleri**, sid van Toyota Hilux, xehed kif f' April tas-sena 2021, ħareġ filgħodu u sab *"il-ħġieġa tal-van imkissra, kelli kollox imqalleb ghax jien nuzah ghax-xoghol dan il-van, kelli barzakka kelli l-iskratac ghax ma dahalthiex mieghi d-dar ghax kienet ix-xita il-gurnata ta' qabel u hbejtha taht is-seat u ma sibthiex hemmhekk"*.[25]

Kompla li l-vann kien pparkjat quddiem ir-residenza tiegħu ġewwa Raħal il-Ħdid. Biex jirranga l-ħġieġa tal-vettura derubata tmenin Ewro (€80) filwaqt li l-valura tal-sktrataċċ li nsterqulu ma kienx jeċċedi is-siitin Ewro (€60).[26]

**David Cavenati,** inizjalment ko-akkużat ma' Urry, spjega li, dakinhar tal-akkadut, l-ewwel kien waħdu iżda wara kien iltaqa' mal-imputat. Jisħaq li kien hu li seraq mill-karozza qabel ma ltaqa miegħu w tah xi ħaġa tal-flus li seraq mill-vettura iżda ma qalux li dawk il-flus ġew minn dik is-serqa.[27] Is-serqa li għamel hu kienet minn Citroen li kienet fil-Fgura jew Tarxien u minnha seraq nuċċali u madwar għaxar Ewro (€10).[28] Ikompli, *"Kont miexi. Kont qed nitkellem miegħu. U waqqfuna l-pulizija ghax kien hemm mara li qalet li rat lili. Jiena nahseb li hi qalet lill-pulizija. Ghax wara hames minuti ġew il-pulizija. Forsi is-sinjura ratni wara miegħu u allura forsi hasbet li sraqna flimien"*.[29]

**Joseph Mallia,** espert inkarigat mill-Qorti sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti elevati mill-pulizija u dawk tal-imputat, jixhed li l-impronta: *"elevata minn fuq it-tieqa tal-van inkwistjoni DBI 556 ISUZU min fuq il-kaxxa min fuq in-naha ta' barra, din l-impronta ġie* ***imqabbel posittivament mas-subgha l-kbir ta' id ix-xellugija tas-Sur Urry****. Kien hemm impronta oħra li fuq il-lifter 21aso304 dan il-lifter ġiet elevata* <u>*min fuq ġewwa tat-tieqa ta' wara li tagħti ghal-kaxxa tal-van*</u>*, din ġiet* ***komparata positivament mas-subgha il-werrej tal-id ix-xellugija tas-Sur Urry ukoll****..."*[30].

Fil-fatt fir-rapport tiegħu Mallia jikkonstata s-segwenti:

> "…..
>
> *2. Illi 1-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 21 ASO 303 ġiet ikkomparata pożittivament u* ***għalhekk hija identika ma' parti mill-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Stephen Urry,*** *detentur tal-karta tal-identita numru 547079 (M).*

---

[25] Fol.121
[26] Fol.122-123
[27] Fol.145-146
[28] Fol.147
[29] Ibid.
[30] Fol.151

*3. Illi l-impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 21 ASO 304* ***ġiet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika ma' parti mill-marka tas-saba 1-werrejtal-id ix-xellugija ta' Stephen Urry,*** *detentur tal-karta tal-identita numru 547079 (M)."*[31]

L-iktar prova li torbot l-imputat mas-serqa mill-vettura Toyota Hilux ((DBE556) u li hi rilevanti għall-mertu ta' dawn il-proċeduri hi indubbjament l-impronta 21AOS 304 li nstabet fuq in-naħa ta' ġewwa tat-tieqa li tagħti għall-kaxxa tal-vann.[32] Din il-prova tpoġġi lill-imputat fil-vettura in kwistjoni hekk kif jixhed il-post minn fejn ġie elevat il-*lifter* korrispondenti.[33]

*Provi Ċirkostanzjali*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Manuel Abela**[34] il-Qorti fi ftit kliem ġabret dak li hu mistenni mill-prosekuzzjoni iġġib il-quddiem biex tipprova l-każ tagħha abbażi ta' provi indiretti jew dik li tissejjaħ *"circumstantial evidence":*

> **.....skond is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[35] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:**
>
> **Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.**
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tiegħu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**

---

[31] Fol.164

[32] Fol.93

[33] Fol.85-86

[34] Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 129/2019; Deċiża 30 ta' Settembru, 2020

[35] [Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick.]

**Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

Madankollu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.[36]**

Għaldaqstant mill-assjem tal-provi w in konsiderazzjoni ta' dan it-tagħlim, l-imputat qed jinstab ħati biss tas-serqa li twettqet f'April 2021 għad-detriment ta' Andrew Camilleri. Ma hemm assolutament xejn li jorbot, bl-univoċità rikjesta, l-imputat mas-serqiet mwettqa f'Awwissu, 2022; anzi ix-xiehda ta' David Cavenati teżonera lil Urry mis-serqa fuq il-vettura Toyota Corolla.

Kien ikun differenti kieku il-marka taż-żarbun li nstabet fil-vettura – li l-uffiċjal prosekutur baqa ma identifikax liema waħda kienet – ġiet mqabbla maż-żarbun esibit minnu.[37]

Prova Reċidiva

Il-Prosekuzzjoni naqset milli tissostanzja l-addebitu tar-reċidiva.

## Il-Piena

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, tal-fedina penali tal-imputat ikkulurita tal-imputat kif ukoll tax-xiehda tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood u Reanne Psaila mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.[38]

---

[36] [Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.]

[37] **Dok. PC20**

[38] Fol.137 et seq

**Sammut Henwood** taha kuntest tal-problemi li kellu jiffaċċja l-imputat fejn semma kif madwar għaxar snin ilu, kellu problema kbira ta' imġiba u kien jidħol f'diversi argument u ġlied inkluż ma' priġunieri oħra fil-ħabs. Eventwalment, il-problema tiegħu dahret ghal dipendenza fuq id-droga kokaina u eroina. Semma wkoll kif l-imputat ibagħti minn problemi ta' saħħa mentali. Intqal ukoll kif l-imputat hu *destitute*, mingħajr lanqas biss ħwejjeġ ta' taħt biex jitla l-qorti kif ukoll minsi minn kulħadd.[39]

Finalment ittieħed kont li l-imputazzjoni numru ħamsa (5) addebitata lill-Stephen Urry waħdu serviet ta' mezz ai fini għar-raba' (4) imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tar-raba u l-ħames imputazzjoni u tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah għal għaxar (10) xhur priġunerija.

Inoltre tordna li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jiġu ndirizzati l-problemi ta' saħħa mentali li hu aflitt bihom.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali bil-għan li l-imputat, deskritt bħala *destitute* mill-Psikologu Sammut Henwood, jingħata kwalunkwe għajnuna opportuna.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

**Notifika:** Dipartiment għas-Servizzji Soċjali
Dipartiment Probation & Parole

[39] Fol.138-139